MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 149/2005

**Lombard Bank Malta plc (C1607)**

**Vs**

**Stephen Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elfejn tlieta u tmenin Liri Maltin tmienja u erbghin centezmi (Lm2083.48) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-facilita ta’ self li l-konvenut ghandu ma l-istess Bank attur, bl-interessi kkalkolati sal-25 ta’ Frar tas-sena elfejn u hamsa (2005) skond statement anness mal-avviz u mmarkat Dok A oltre l-imghaxijiet ulterjuri mis-26 ta’ Frar, tas-sena elfejn u hamsa (2005) sad-data tal-pagament effettiv, u dan stanti l-fatt li ghalkemm interpellat sabiex ihallas l-ammont fl-avviz imsemmi anke ufficjalment skond kopja legali ta’ ittra ufficjali annessa u mmarkata Dok B. Il-konvenut

baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut. Bl-ispejjez kollha inkluz l-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-10 ta' Gunju 2004, u tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbid kawtelatorji ppresentati mal-kawza u bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Frar, 2005 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz u li jinsabu a fol 2 sa fol 5 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut jidher li, bl-ebda mod, ma kkontesta t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u dan avolja notifikat, skond il-ligi, bl-istess avviz.

Illi s-socjeta attrici, illum stess, ipproduciet lil Alexander Cutajar li, taht gurament, ikkonferma illi l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut sallum.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2083.48,0 bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Frar 2005 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi l-'VAT' fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Gunju 2004 u tal-mandati kawtelatorju ta' sekwestru u ta' qbid tal-17 ta' Marzu 2005, imsemmijin fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------